Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,566, 6 ta' April, 2004
Taqsima B

A.L. 153 ta' l-2004

ATT DWAR SERVIZZI TA' L-IVVJAĠĠAR U TAT-TURIŻMU GĦAL MALTA (KAP. 409)

Regolamenti ta' l-2004 dwar Provdituri tas-Servizz ta' l-Għads Rikreattiv.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 47 ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, il-Ministru tat-Turiżmu u Kultura, fuq ir-rakkomandazzjoni ta' l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:-

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta'l-2004 dwar Provdituri tas-Servizz ta' l-Għads Rikreattiv. Titolu u skop.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għal kull persuna, korp jew organizzazzjoni, li joffru servizz ta' l-għads rikreattiv għall-pubbliku jew għall-membri tagħhom.

(3) Il-provdiment tas-Servizzi ta' l-Għads Rikreattiv għandu jiġi kkunsidrat bħala operazzjoni turistika skond l-Att u għaldaqstant għandu jkun soġġett għall-provdimenti ta' l-Att u tar-regolamenti relattivi kollha maħruġa taħtu.

2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra :- Tifsir.

"l-Att'' tfisser l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta; Kap 409.

"l-Assoċjazzjoni'' tfisser kull għaqda ta' persuni kostitwita kif suppost, li skond l-opinjoni tal-Ministru tirrappreżenta l-aħjar l-għarfien, l-interessi u l-opinjonijiet ta' l-industrija ta' l-għads f'Malta;

"l-Awtorità'' tfisser l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta;

"BSAC'' tfisser British Sub Aqua Club;

"ċentru ta' l-għads'' tfisser il-post minn fejn kull persuna jew entita toffri servizzi ta' l-għads rikreattiv lill-klijenti u, jew lill-membri;

"CMAS'' tfisser il-Konfederazzjoni Mondjali ta' l-Attivitajiet ta' l-Għads;

"direttur ta' l-għads'' tfisser għalliem ta' l-għads li jmexxi s-servizzi ta' l-għads f'ċentru ta' l-għads u li huwa tali rikonoxxut mill-Awtorita;

"gass tan-nifs'' tfisser taħlita ta' gassijiet inerti flimkien ma' porzjon ta' ossiġnu li jipproduċi pressjoni li ma teċċediex 1.6 Bar fil-massimu tal-fond operattiv;

"għaddas independenti'' tfisser persuna li tkun lestiet b'mod sodisfaċenti kors t'organizzazzjoni ta' taħriġ rikonoxxut għal għaddas independenti, liema kors huwa rikonoxxut mill-Awtorita;

"għads immexxi'' tfisser għadsa organizzata fejn il-persuni huma akkumpanjati wkoll taħt l-ilma minn għalliem ta' l-għads jew kap ta' l-għads;

"għadsa organizzata'' tfisser servizz, fejn persuni b'minimu ta' grad ta' għaddasa indipendenti huma meħuda f'post ta' l-għads u jipparteċipaw f'għads rikreattiv;

"għalliem ta' l-għads'' tfisser persuna li tkun lestiet b'mod sodisfaċenti, kors ta' organizzazzjoni ta' taħriġ rikonoxxut għal għalliem ta' l-għads, liema kors huwa rikonoxxut mill-Awtorita;

"ilma fil-miftuħ'' tfisser ammont ta' ilma sinifikament akbar minn pixxina li joffri kondizzjonijiet bħall-baħar lokali;

"ilmijiet konfinati'' tfisser pixxina b'fond massimu ta' erba' metri jew ammont ta' ilma li joffru l-istess kondizzjonijiet simili;

"kap ta' l-għads'' tfisser persuna li tkun lestiet b'mod sodisfaċenti, kors ta' organizzazzjoni ta' taħriġ għal kap ta' l-għads, liema kors huwa rikonoxxut mill-Awtorita;

"klijent'' tfisser individwu jew grupp ta' individwi li jutilizzaw is-servizzi ta' ċentru ta' l-Għads għall-provista ta' servizzi ta' l-għads;

"il-Ministru'' tfisser il-Ministru responsabbli għat-turiżmu;

"organizzazzjoni ta' taħriġ rikonoxxut'' tfisser entita rikonoxxuta mill-Awtorita, li tipprovdi programmi ta' taħriġ għal għads *scuba* rikreattiv u certifikazzjoni, u li hi risponsabbli għal kwalita ta' l-immaniġġar tal-programmi ta' taħriġ ta' l-għaddas *scuba* tagħhom;

"operatur'' tfisser il-persuna jew entita li attwalment tmexxi u topera ċ-ċentru ta' l-għads;

"PADI'' tfisser Assoċċjazzjoni ta' l-Għalliema ta' l-Għads Professjonali'';

"persuna li jkollha liċenza'' tfisser persuna jew entita li f'ismha giet maħruġa liċenza mill-Awtorita biex tipprovdi servizz ta' l-għads rikreattiv;

"persuna kompetenti'' tfisser kull persuna jew entita, rikonoxxuta mill-Awtorita, li għandha l-kwalifiki neċessarji, l-abilta, kapaċitajiet u l-kompetenzi li toħorġ ċertifikati rilevanti dwar xi soġġett partikolari indikat mill-Awtorita;

"provdituri tas-servizz ta' l-għads rikreattiv'' tfisser entita, li tkun jew individwu jew organizzazzjoni, inkluż individwu li jidher għan-nom ta' dik l-entita, li joffri servizz ta' l-għads rikreattiv;

"*scuba*'' tfisser apparat tan-nifs ta' taħt l-ilma li jkun kontenut minnu nniffsu;

"servizzi ta' l-għads rikreattiv'' tfisser waħda minn dawn is-servizzi ta' l-għads offruti minn xi persuna jew entita:-

- taħriġ u edukazzjoni ;

- għads organizzat u mmexxi għal għaddasa ;

- kiri ta'*scuba ;*

- il-forniment ta' gassijiet tan-nifs għal għaddasa, jekk mgħotija miċ-ċentru ta' l-għads;

"sessjoni introduttiva'' tfisser esperjenza informali ta' għads li ssir biex tintroduċi lill-klijent għall-għads *scuba*.

"studju ta' riskju'' tfisser l-identifikazzjoni ta' perikli, dawk li jistgħu iweġġgħu minn tali perikli, u proċeduri adottati biex jiżguraw li r-riskju jkun kontrollat fil-qies li dan ikun possibilment raġonevili;

"tagħmir ta' l-għads'' tfisser tagħmir li jinkludi, fost l-oħrajn, tagħmir li jgħinek tgħum, maskli, pajp, ċilindru, *demand regulator*, sors ta' gass tan-nifs alternattiv, sistema ta' ċilindru ta' sostenn u inkluż apparat ta' kontroll biex titla' fil-wiċċ (jekk hemm bżonn), sistema ħafifa ta' kif tnaqqas il-piż,'*gauge* tal-pressjoni biex tinżel fil-qiegħ (*monitor* tal-pressjoni tal-gass tan-nifs), mezzi biex tkejjel il-fond u l-ħin u biex tillimita b'mod protett l-espożizzjoni għall-gass inert, libsa ta' l-għads (jekk hemm bżonn). L-ambjent speċifiku jista' jitlob tagħmir addizzjonali apposta bħal għajnuna ta' navigazzjoni għal taħt l-ilma, sikkina u, jew apparat li jaqta';

(2) Kliem u espressjonijiet użati f'dawn ir-regolamenti u li huma użati wkoll fl-Att, għandu jkollhom l-istess tifsira ta' l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra.

Liċenza.

3. (1) L-ebda persuna ma għandha topera jew tħalli li ssir l-operazzjoni ta' ċentru ta' l-għads kemm-il darba ma jkunx hemm liċenza valida għal dak l-iskop maħruġa mill-Awtorita.

(2) L-applikazzjonijiet għal liċenzja biex topera ċentru ta' l-għads ghandhom isiru fuq formola ta'applikazzjoni maħruġa apposta mill-Awtorita.

(3) L-Awtorita tista' toħroġ liċenza għall-operazzjoni ta' ċentru ta' l-għads kemm-il darba tkun sodisfatta li:-

(a) l-ħruġ ta' tali liċenza tkun konformi mal-gwidi turistiċi korrenti;

(b) l-applikant jissottometti lill-Awtorita d-dokumentazzjoni u l-informazzjoni kollha meħtieġa kif indikat fl-applikazzjoni nnifisha;

(ċ) il-postijiet minn fejn dawn l-operazzjonjiet turistici ghandhom isiru huwa konformi mal-provdimenti tar-regolament 4 ta' dawn ir-regolamenti;

(d) il-persuna li tapplika għal-liċenza jkollha fil-pussess polza ta' assigurazzjoni ta' terzi għal ammont minimu ta'

Lm100,000 biex tkopri lill-klijenti u, jew lill-membri fir-rigward ta' inċidenti taħt l-ilma;

(e) iċ-ċentru ta' l-għads ikollu direttur reġistrat soġġett għall-provdimenti kif imniżżla fir-regolament 6 ta' dawn ir-regolamenti.

Postijiet ta' ċentri ta' l-għads.

4. (1) Ebda persuna ma għandha toffri jew tipprovdi servizzi rikreattivi ta' għads *scuba* kemm-il darba ma jkollhiex postijiet fissi u mmobbli minn fejn jigu organizzati servizzi ta' l-għads.

(2) Il-postijiet minn fejn tali servizzi ta' l-għads rikreattiv huma organizzati għandhom:-

(a) ikunu adegwati u f'sura għal tali attivita u jkunu aċċessibbli għall-pubbliku;

(b) ikunu miżmuma nodfa, b'manutenzjoni tajba u organizzati fil-ħinijiet kollha;

(ċ) jipprovdu kaxxi ta' l-ewwel għajnuna mgħammra sabiex joffru l-ewwel għajnuna lill-klijenti. Kaxxa ta' l-ewwel għajnuna għandha tkun impoġġija fiċ-ċentru ta' l-għads u fuq kull mezz ta' trasport bl-art jew bil-baħar użati miċ-ċentru;

(d) ikollhom id-dettalji ta' kuntatt għal servizzi ta' emerġenza muri b'mod prominenti, inkluzi faċilitajiet ta' rikompressjoni ;

(e) ikollhom il-provista ta' faċilitajiet ta' sejħiet ta'emerġenza fiċ-ċentru ta' l-għads u fil-postijiet kollha minn fejn isir l-għads;

(f) ikollhom partijiet speċifikati għat-tagħlim, tindif u ħażna tat-tagħmir u biex jimtlew iċ-ċilindri ta' l-għads, jekk tali servizzi u tagħmir jigu pprovduti.

(3) Il-persuna liċenzata u l-operatur taċ-ċentru ta' l-għads għandhom jiżguraw illi –

(a) l-isem taċ-ċentru ta' l-għads huwa muri b'mod prominenti barra mill-post, u

(b) l-isem tad-direttur ta' l-għads huwa muri fuq ġewwa tal-post.

Manutenzjoni.

5. (1) Għandu jkun id-dmir tal-persuna li jkollha liċenza u ta' l-operatur taċ-ċentru ta' l-għads li jiżguraw li l-postijiet li qed jiġu wżati bħala ċentru ta' l-għads, it-tagħmir ta' l-għads u aċċessorji oħra, kif ukoll bħal mezzi ta' trasport bl-art jew bil-baħar użati miċ-ċentru, ikunu miżmuma regolarment u tajjeb f'kull waqt.

(2) Skeda bil-miktub tas-servizz għandha tinżamm għat-tagħmir kollu u l-installazzjonijiet. Din l-iskeda għandha tidentifika kull oġġett u għandha tiddokumenta kull xogħol ta' manutenzjoni li jsir minn żmien għal żmien.

Direttur ta' l-għads.

6. (1) Il-persuna li jkollha liċenza u l-operatur ta' ċentru ta' l-għads għandhom -

(a) jinkarigaw direttur ta' l-għads biex ikun risponsabbli għas-servizzi ta' l-għads rikreattiv, biex iqassam id-dmirijiet u jżomm *records* relattivi,

(b) jinformaw lill-Awtorita meta jkun sar dak l-inkarigu, jipprezentaw id-dettalji kollha ta' dik il -persuna, bħal ma huma dettalji personali, kwalifiki u esperjenza.

(2) Id-direttur ta' l-għads għandu jilħaq il-kriterji li ġejjin:-

(a) ikun fil-pussess ta' kwalifiki mitluba skond it-Tieni Skeda li tinsab ma dawn ir-regolamenti;

(b) ikollu mill-anqas sentejn esperjenza *full time* bħala għalliem fl-għads rikreattiv f'Malta;

(ċ) ikun persuna li għandu d-dritt li joqgħod f'Malta;

(d) ikollu reġistrazzjoni valida ma' ċentru ta' l-għads bħala għalliem ta' l-għads.

(3) Direttur ta' l-għads għandu jaġixxi f'dik il-kariga, għal ċentru ta' l-għads wiehed biss fl-istess ħin:

Iżda jekk huwa jippossjedi il-kwalifiki neċessarji mniżżla f'dawn ir-regolamenti, xejn f'dan l-artiklu ma għandu jeskludi lill-persuna li jkollha liċenza ta' ċentru ta' l-għads, milli taġixxi bħala direttur ta' l-għads.

Reġistrazzjoni ta' l-għalliema ta' l-għads.

7. (1) L-ebda persuna ma għandha taġixxi bħala għalliem ta' l-għads kemm-il darba huwa ma jkunx irreġistra qabel ma' ċentru ta' l-għads li jkollu licenza.

(2) Il-persuna li jkollha liċenza u l-operatur ta' ċentru ta' l-għads ma għandhomx jirreġistraw persuna bħala għalliem ta' l-għads kemm-il darba ma jkunux sodisfatti li l-persuna li tkun qed tapplika għal dik ir-reġistrazzjoni:-

(a) tkun applikat id-dokumentazzjoni u l-informazzjoni mitluba fil-formola ta' reġistrazzjoni;

(b) ikollha kwalifiki ta' għalliem ta' l-għads skond it-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

(ċ) tkun għaddiet b'mod sodisfaċenti eżami mediku minn tabib li jkun jispeċjallizza fil-mediċina ta' l-għads. Dan l-eżami għandu jsir kull sena.

Validita ta'liċenza ta' ċentru ta l-għads.

8. Liċenza biex topera ċentru ta' l-għads għandha tkun valida mid-data tal-ħruġ sal-31 ta' Diċembru ta' l-istess sena, u għandha tkun imġedda mill-Awtorita minn sena għal sena mal-ħlas tal-miżata, jekk dan ikun japplika.

Reġistrazzjoni ta' għalliem ta' l-għads temporanju.

9. (1) Il-persuna li jkollha liċenza għal ċentru ta' l-għads tista' tirreġistra kull persuna bħala għalliem ta' l-għads temporanju. Din ir-reġistrazzjoni għandha tkun valida għal għoxrin ġurnata konsekuttiva, sakemm din il-persuna tissodisfa l-istess rekwiżiti kif imniżżla fir-regolament 7 ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Persuna reġistrata bħala għalliem ta' l-għads temporanju għandu jgħallem biss lill-membri jew klijenti taċ-ċentru ta' l-għads ma' min ikun reġistrat.

Minuri.

10. Il-persuna li jkollha liċenza u l-operatur ta' ċentru ta' l-għads għandhom, qabel ir-reġistrazzjoni ta' minuri biex jipparteċipaw f'attivitajiet ta' għads rikreattiv, iġibu l-kunsens bil-miktub tal-ġenitur jew tal-gwardjan legal tal-minuri.

Stqarrija medika.

11. Il-persuna li jkollha liċenza u l-operatur ta' ċentru ta' l-għads għandhom jiżguraw illi:-

(a) qabel jintuża *scuba,* l-għaddasa kollha għandhom jimlew u jiffirmaw stqarrija medika dovuta biex jiżguraw l-abbilta tagħhom għal għads rikreattiv skond l-Ewwel Skeda li tinsab ma dawn ir-regolamenti ;

(b) jekk it-tweġibiet fl-istqarrija medika tissuġġerixxi riskju mediku fl-għads, id-direttur ta' l-għads għandu jitlob lill-klijent biex jagħmel eżami mediku komplut għand tabib, li

għandu jagħti l-approvazzjoni tiegħu bil-miktub qabel ma dak il-klijent ikun jista' juża''*scuba*;

(ċ) minkejja t-tweġibiet fl-istqarrija medika, f'kull każ ta' dubju jew fid-diskrezzjoni tad-direttur ta' l-għads, klijenti jistgħu jiġu mitluba li jagħmlu eżami mediku komplut minn tabib, li għandu jagħti l-approvazzjoni tiegħu bil-miktub qabel ma' dak il-klijent ikun jista' juża *scuba;*

(d) il-persuna li jkolha liċenza u l-operatur ta' ċentru ta' l-għads għandhom jżommu'*record* ta' l-istqarrija medika, ċertifikati mediċi u dokumenti relatati oħra għal perjodu ta' mhux inqas minn sena;

(e) meta klijent isir jaf b'tibdil fil-kondizzjoni medika tiegħu f'xi ħin, il-klijent għandu jirrepeti l-proċess mediku.

Studju ta riskju.

12. (1) Il-persuni li jkollhom liċenza u l-operaturi ta' ċentru ta' l-għads għandhom jiżguraw li jkun sar studju dokumentat ta' riskju fir-rigward tal-postijiet kollha ta' l-għads li jigu wżati miċ-ċentru ta' l-għads għas-servizzi ta' l-għads rikreattiv.

(2) Il-fatturi li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala parti minn studju ta' Riskju bhal dak li jqis il-kapaċita tal-moviment fl-ilma tal-parteċipanti, il-fond, il-viżibilta ta' taħt l-ilma, it-tniġġis, metodi ta' dħul u, jew ħruġ, żoni ristretti, fejn il – post fejn l-attivitajiet huma ppjanati li jsiru u pjan ta' azzjoni għall-emerġenza.

(3) Il-persuna li jkollha liċenza u l-operatur ta' ċentru ta'l-għads għandhom jipprevenu kull klijent milli jieħu parti f'xi servizz ta' għads rikreattiv jekk, wara l-istudju ta' riskju, dan ikun meqjus li hu fl-aħjar interess tal-klijent u, jew ta' persuni oħra.

Tagħmir ta' emerġenza u proċeduri.

13. (1) Il-persuna li jkollha liċenza u l-operatur ta' ċentru ta' l-għads għandhom jiżguraw id-disponibilita ta' li ġej fil-postijiet kollha fejn' ikun qed isir l-għads rikreattiv:-

(a) kaxxa ta' l-ewwel għajnuna, mgħammra sewwa għall-attivita ta' l-għads ippjanata;

(b) *unit* ta' emerġenza għall-ossiġnu b'kapaċita li jqassam mill-inqas 15-il litru kull minuta ta' ossiġnu pur għal mill-anqas 20 minuta;

(2) Il-persuna li jkollha liċenza u l-operatur ta' ċentru ta' l-għads għadhom jipprovdu pjan dokumentat ta' emerġenza għal

kull post fejn attivitajiet ta' l-għads ikunu qed isiru li għandu jinkludi l-informazzjoni u l-preparazzjoni li ġejjin:-

(a) proċeduri kif taġixxi waqt aċċident, reżuxxitazzjoni u evakwazzjoni;

(b) l-użu ta' forniment ta' ossiġnu għall-emerġenza;

(ċ) informazzjoni dwar l-eqreb riżorsi, inkluża informazzjoni dwar id-disponibilita ta' *hyperbaric recompression chamber*.

Informazzjoni li trid tingħata lill-klijenti.

14. (1) Il-persuna li jkollha liċenza u l-operatur ta' ċentru ta' l-għads għandhom jagħtu l-informazzjoni li ġejja lill-klijent qabel il-provdiment tas-servizzi ta' l-għads:-

(a) punti kontrattwali li jinkludu kondizzjonijiet, bidu u tmiem tal-kuntratt;

(b) il-bżonnijiet meħtieġa qabel u kull bżonn ta' kwalifiki sabiex ikollok is-servizz, bħal ċertifikat mediku u ċertifikazzjoni ta' l-għads;

(ċ) bżonnijiet ta' tagħmir;

(d) spejjeż;

(e) bżonnijiet ta' assigurazzjoni skond ir-regolamenti nazzjonali;

(f) konsiderazzjonijiet ta' l-ambjent lokali;

(ġ) liġijiet relatati ma' l-għads u kull bżonn legali għar-rigward tat-tip ta' servizz speċifiku li ser jiġi provdut.

(2) Il-persuna li jkollha liċenza u l-operatur ta' ċentru ta' l-għads għandhom juru b'mod ċar, lista tal-prezzijiet ta' l-ispejjeż għal tipi differenti ta' attivitajiet ta' l-għads u għall-kiri ta' tagħmir ta' l-għads offruti miċ-ċentru ta' l-għads.

(3) Jekk is-servizz provdut jinvolvi t-taħriġ, il-persuna li jkollha liċenza u l-operatur ta' ċentru ta' l-għads għandhom jagħtu l-informazzjoni li ġejja miżjuda mal-bżonnijiet skond is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament:-

(a) il-limitazzjonijiet ta' l-eventwali kwalifika;

(b) l-iskop tal-kors ta' taħriġ;

(ċ) il-proċeduri tal-kors;

(d) il-mezzi u l-metodi ta' studju, kriterji għal tmiem b'suċċess;

(e) li r-*records* ta' l-informazzjoni personali jkunu ser jinżammu fiċ-ċentru u li dawn ir-*records* jistgħu jiġu mgħoddija lil xi organizzazzjoni ta' taħriġ.

(4) Qabel kull għadsa jew sessjoni ta' taħriġ, il-persuna li jkollha liċenza u l operatur ta' ċentru ta' l-għads għandhom jiddentifikaw proċeduri importanti ta' sigurta lill-klijenti li għandhom jinkludu dawn li ġejjin:-

(a) l-identità u min huma l-impjegati;

(b) proċeduri ta' emerġenza;

(ċ) arranġamenti li jikkonċernaw in-numru tat-tim u l-grupp;

(d) xogħol tat-tim jew tal-grupp;

(e) informazzjoni li tikkonċerna il-post ta' l-għads, partikolarment il-perikli li jistgħu jolqtu is-sigurta ta' l-għadsa, bħal ostakli ta' taħt l-ilma;

(f) il-fond u, jew limitazzjonijiet tal-ħin;

(ġ) l-imġieba mitluba mill-klijenti.

Ċertifikazzjoni tal-kompressuri minn persuna jew entita.

15. (1) L-applikant għall-liċenza ta' ċentru ta' l-għads għandu, qabel il-ħruġ ta' dik il-liċenza mill-Awtorita, jippreżenta lill-Awtorita ċertifikat minn persuna kompetenti jew entita rikonoxxuta mill-Awtorita, li jikkonferma li l-kompressuri u l-post fejn tali kompressuri qegħdin maħżuna u użati biex jimtlew bl-arja, jkunu jikkonformaw mar-regolamenti u, jew gwidi tas-saħħa u sigurta.

(2) Iċ-ċertifikazzjoni mitluba skond is-subregolament ta' dan ir-regolament għandha tiġi ppreżentata wkoll lill-Awtorita kull sena qabel it-tiġdid tal-liċenza.

Ċertifikazzjoni ta' tagħmir minn persuna kompetenti jew entita.

16. Il-persuni li jkollhom liċenza u l-operaturi ta' ċentri ta' l-għads għandhom jippreżentaw lill-Awtorita, qabel tinħareġ jew tiġġedded il-liċenza taċ-ċentru ta' l-għads, dikjarazzjoni minn

persuna kompetenti jew entita rikonoxxuta mill-Awtorita' li tiċċertifika li t-tagħmir użat miċ-ċentru ta' l-għads ikunu jkkonformaw mal-provdimenti kif stipulati fil-paragrafi 13(1)(b), 17 u 18(2) ta' dawn ir-regolamenti kif ukoll f'regolament 8 tat-Tieni Skeda li tinsab ma dawn ir-regolamenti.

Bejgħ ta' gassijiet tan-nifs.

17. (1) Il-persuni li jkollhom liċenza u l-operaturi ta' ċentri ta' l-għads, qabel ma' jagħtu l-gassijiet tan-nifs għall *scuba* lill-persuni, għandhom jiżguraw li dawk il -persuni huma kwalifikati bħala għaddasa indipendenti kemm-il darba dawk il-persuni ma jkunux akkumpanjati minn għalliem tal-għads *scuba*.

(2) F'każijiet meta l-gass tan-nifs ikun arja, dan għandu jkun fornut minn ċentri ta' l-għads skond *standards* u regoli nazzjonali fis-seħħ.

(3) Il-persuna li jkollha liċenza u l-operatur ta' ċentru ta' l-għads għandhom jimlew biss dawk iċ-ċilindri li jkollhom spezzjonijiet viżibbli, testijiet u sinjali tal-pressjoni skond *standards* u regolamenti nazzjonali fis-seħħ.

(4) Il-persuna li jkollha liċenza u l-operatur ta' ċentru ta' l-għads ma għandhomx jimlew xi ċilindru kemm-il darba huma ma' jagħmlux spezzjoni esterna taċ-ċilindru, u f'kull każ ta' dubju dwar il-kondizzjoni tiegħu, għandhom jirrifjutaw li jimlew iċ-ċilindru.

(5) F'każijiet fejn jiġu offruti l-gassijiet tan-nifs li ma jkunux arja kompressata, il persuna li jkollha liċenza u l-operatur ta' ċentru ta' l-għads għandhom jagħtu dawn il-gassijiet biss lill-klijenti li għandhom it-taħriġ speċċjaliżżat ghaldaqshekk.

Standards ta l-operat.

18. (1) Proċeduri ta' l-operat ta' ċentru ta' l-għads u tagħmir ta' l-għads użati miċ-ċentri ta'għads għandhom ikunu skond it-Tieni Skeda u skond il-provdimenti ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Il-persuni li jkollhom liċenza u l-operaturi ta' ċentri ta' l-għads għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' l-operat imsemmija fit-Tieni Skeda u fil-provdimenti ta' dawn ir-regolamenti huma obduti l-ħin kollu.

Konsultazzjonijet ma' Assoċjazzjoni.

19. L-Awtorita tista' tikkonsulta l-Assoċjazzjoni fil-kwistjoni ta' liċenzi għal ċentri ta' l-għads.

Awtoriżazzjoni ekwivalenti.

20. L-Awtorita tista' tikkonsulta l-Assoċjazzjoni fil-pubblikazzjoni ta':-

(a) kwalifiki rikonoxxuti għal għaddasa ndipendenti;

(b) kwalifiki rikonoxxuti għal kapijiet ta' l-għads;

(ċ) kwalifiki rikonoxxuti għal għalliema ta' l-għads;

(d) kwalifiki rikonoxxuti għad-diretturi ta' l-għads u, jew

(e) kull tali dokumentazzjoni jew informazzjoni li tista', minn żmien għal żmien, tkun ta' għajnuna fid-diterminazzjoni tal-kwalifiki ta' għaddas u għalliem ta' l-għads.

Manutenzjoni ta' *records*.

21. Il-persuna li jkollha liċenza u l-operatur ta' ċentru ta' l-għads għandhom:-

(a) iżommu r-*records* li ġejjin fir-rigward tal-persuni kollha li jipprovdu servizzi lill-klijenti miċ-ċentru ta' l-għads:-

i) isem, indirizz u data tat-twelid;

ii) esperjenza u ċertifikazzjoni relatata mad-dmirijiet assenjati;

iii) ċertifikazzjoni medika;

(b) iżommu r-*records* li ġejjin fir-rigward tal-klijenti li jutilizzaw is-servizzi taċ-ċentru ta' l-għads:-

i) isem, indirizz u data tat-twelid;

ii) kopja ta' l-istudju mediku;

iii) kopja ta' xi taħriġ li sar qabel u, jew ċertifikazzjoni u esperjenza;

iv) kopja tal-kunsens tal-ġenituri jekk dak il-kunsens ikun mehtieġ.

(ċ) iżommu *records* għar-rigward ta' klijenti li jagħmlu għads organizzat jew bil-gwida, kif ukoll għar-rigward ta' kiri ta' tagħmir għal mill-inqa sitt xhur;

(d) iżommu *records* għar-rigward ta' klijenti li jagħmlu t-taħriġ f'kull livell għal mill-anqas sentejn, inklużi *records* li juru dati ta' sessjonijiet fil-magħluq, fl-ilma fil-miftuħ u fil-klassi, iffirmati mill-għalliem u minn min ikun qed jieħu t-taħriġ.

Indiċi ta'l-għads.

22. Il-persuna li jkollha liċenza u l-operatur ta' ċentru ta' l-għads għandhom iżommu indiċi ta' l-għads għal kull sessjoni ta' l-ilma fil-magħluq u fil-miftuħ organizzata miċ-ċentru. Id-*dive log* għandu juri l-ismijiet tal-klijenti, l-impjegati li jassistu lil tali klijenti, il-post ta' l-għads, id-data, il-ħin tad-dħul u tal-ħruġ, il-fond, il-gass użat, il-kondizzjonijiet tar-riħ u l-baħar. Kull *dive log*, kif ukoll l-istudju tar-riskju, għandhom jiġu miżmuma għal mill-inqas sitt xhur.

Disponibilita tad-dokumenti.

23. Id-dokumenti, permessi u ċertifikati kollha relatati maċ-ċentru ta'l-għads, ma' l-operatur taċ-ċentru ta' l-għads u ma' l-impjegati taċ-ċentru ta' l-għads għandhom ikunu disponibbli fil-post taċ-ċentru fil-ħinijiet kollha.

Karti ta' l-identita.

24. Id-direttur ta' l-għads u l-għalliema għandhom, waqt il-provdiment tas-servizzi ta' l-għads, ikunu fil-pussess ta' forma ta' identifikazzjoni li tinkludi isimhom u ritratt.

Standards.

25. Il-persuni li għandhom il-liċenza u l-operaturi taċ-ċentri ta' l-għads għandhom jiżguraw li ċ-ċentri ta' l-għads tagħhom huma konformi mal-bżonnijiet *standard* taċ-ċentri ta' l-għads kif jista' jiġi stabbilit mill-Awtorita minn żmien għal żmien.

Kondizzjonijiet tal-liċenza.

26. Konformita mal-provdimenti ta' dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu bħala kondizzjoni li għaliha liċenza biex topera ċentru ta' l-għads hija soġġetta, irrispettivvament minn jekk riferenza għal dawn ir-regolamenti issirx jew le fil-liċenza nnifisha.

Teħid jew sospensjoni tal-liċenza taċ-Ċentru.

27. L-Awtorita tista' tieħu lura jew tissospendi l-liċenza ta' ċentru ta' l-għads jekk il-persuna li jkollha liċenza jew l-operatur ta' ċentru ta' l-għads jieqaf milli jonora l-kondizzjonijiet speċifikati fir-regolamenti 3 u 4, jew xi waħda mill-kondizzjonijiet li għaliha l-liċenzja kienet maħruġa, jew jonqsu milli jobdu xi provdiment ieħor ta' dawn ir-regolamenti.

Multi u pieni.

28. Kull persuna illi tonqos milli tħares xi waħda mill-provdimenti ta' dawn ir-regolamenti tkun ħatja ta' offiża u tista', meta tinstab ħatja, teħel multa ta' mhux aktar minn elf lira.

B 2028

L-Ewwel Skeda

Stqarrija Medika

Għall-Parteċipant:

Inti għandek timla' din l-istqarrija medika, li tinkludi l-parti ta' l-informazzjoni ta' l-istorja medika, qabel ma' tgawdi minn xi servizzi ta' l-għads *scuba* rikreattiv.

L-għan huwa li tinformak jekk inti għandekx tiġi eżaminat minn tabib qabel ma' tipparteċipa f'taħriġ ta' għads rikreattiv. Jekk xi waħda minn dawn il-kondizzjonijiet japplikaw għalik, dan mhux neċessarjament ifisser li ser tkun skwalifikat. Ifisser biss illi għall-aħjar tiegħek, inti għandek tfittex l-opinjoni ta' tabib qabel ma' tipparteċipa f'għads *scuba* rikreattiv.

Jekk jogħġbok uri li qrajt u fhimt din l-informazzjoni mniżżla hawn taħt billi timmarka bl-inizjali kull punt.

1. INTI GĦANDEK TIKKONSULTA TABIB JEKK:	**Iva jew Le**	**Inizjali**
Inti tqila jew tissuspetta illi inti tqila		
Inti regolarment tieħu mediċini (bl-eċċezzjoni tal-kontroll tat-tqala)		
Inti għandek iktar minn 45 sena u waħda minn dawn li ġejjin tapplika għalik		
Inti tpejjep		
Inti għandek livell għoli ta' kolesterol		

2. INTI GĦANDEK TIKKONSULTA TABIB JEKK QATT KELLEK	**Iva jew Le**	**Inizjali**
Ażma, jew tħarħir man-nifs, jew tħarħir ma' l-eżerċizzju		
Xi tip ta' mard fil-pulmun		
Pneumothorax (pulmun batut)		
Passat ta' infezzjoni fis-sider Klawstrofobija jew agorafobija (biża mill-magħluq jew spazji miftuħa)		
Epilepsi, aċċessjonijiet, konvulżjonijiet jew tieħu mediċini biex tipprevenijhom		

Passat ta' telf mis-sensi jew ħass ħazin (tintilef minn sensik totalment/parzjalment)		
Passat ta' aċċidenti ta' l-għads jew mard ta' dekompressjoni		
Passat ta' djabete		
Passat ta' pressjoni għolja tad-demm jew tieħu mediċini biex tikkontrolla l-pressjoni tad-demm		
Passat ta' mard tal-qalb		
Passat ta' mard fil-widna, telf ta' smiegħ jew problemi bil-bilanċ		
Passat ta' trombosi jew biċċiet tad-demm		
Mard tal-moħħ		

3. JIENA KONXJU ILLI NISTA' MA NKUNX TAJJEB BIEX NGĦODDS JEKK IKOLLI JEW TIŻVILUPPALI XI WAĦDA MINN DAWN IL-KONDIZZJONIJIET LI ĠEJJIN:	
Riħ, sinużite, jew xi problemi tan-nifs (eż. bronkite, allerġija)	
Emikranja akuta jew uġiegħ ta' ras	
Kull tip ta' operazzjoni fl-aħħar 6 ġimgħat	
Taħt l-influwenza ta' l-alkoħol, drogi jew mediċini li jaffettwaw l-abbilita li tirreaġixxi	
Deni, sturdamenti, nawsea, dardir jew dijarreja	
Problemi ta' ekwilibru (widnejn ifaqqgħu)	
Gastrite ta' ulċeri akuta	
Tqala	

Isem . . . . . .

Indirizz . . . . . .

. . . . . .

. . . . . .

Data tat-twelid . . . . . .

Nikkonferma illi t-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet huma veri u kompluti.

Firma . . . . . . Data . . . . . .

Kunsens ta' Parentela/Gwardjan meta l-parteċipant huwa minuri.

Isem tal-Ġenitur/Gwardjan* . . . . (*ħassar skond ma japplika).

Indirizz . . . . . .

. . . . . .

Firma . . . . . . Data . . . . . .

Din id-dikjarazzjoni hija valida għal sena mid-data tal-firma

It-Tieni Skeda

Standards ta' l-Operat

Bżonnijiet għat-taħriġ

1. (1) Dawk li jipprovdu s-servizz ta' għads rikreattiv għandhom jiżguraw li l-klijent jissodisfa l-bżonnijiet kollha ta' qabel jieħu parti fil-kors ta' taħriġ.

(2) Meta jkun qed isir kors ta' taħriġ li jwassal għal ċertifikazzjoni minn organizzazzjoni ta' taħriġ rikonoxxuta, il-proċeduri kollha ta' l-organizzazzjoni rikonoxxuta iridu jiġu segwiti.

(3) Għall-livell tal-kors tad-dħul u għas-sessjoni ta' introduzzjoni, l-ewwel lezzjoni fl-ilma għandha ssir f'ilma magħluq b'porzjon massimu ta' 6 studenti għal kull għalliem kemm-il darba kondizzjonijiet aktar stretti ma jkunux fis-seħħ mill-organizzazzjoni ta' taħriġ rikonoxxuta.

Faċilitajiet ta' tagħlim u taħriġ.

2. Lezzjonijiet ta' teorija għandhom jiġu mmexxija f'ambjent ta' tagħlim, bħal klassi, li hija libera minn distrazzjonijiet sinifikanti għat-tagħlim. Dan għandu jipprovdi lill-istudenti b'faċilitajiet ta' xogħol suffiċjenti u għajnuniet ta' taħriġ (eż. uċuħ fejn tikteb, materjal ta' riferenza, *computer*, materjal viżiv jew awdjo) biex jiżgura li l-istudenti huma kapaċi jifhmu l-informazzjoni li qed tiġi ppreżentata.

Esperjenza ta' impjegati.

3. (1) Huwa ġħalliem reġistrat biss li għandu jmexxi t-taħriġ ta'għaddasa'*scuba* rikreattiv sa u inkluż kap ta' l-għads.

(2) Għalliema li għandhom kwalifiki addizzjonali relevanti biss għandhom imexxu korsijiet ta' taħriġ li jinvolvi parametri ta' operat aktar tqil li mhux inkluż fil-kwalifiki jew l-esperjenza ta' l-għalliem ta' *scuba* (eż. għads bil-lejl, għads b'viżibilita limitata, għads fil-fond, għads mal-blat, għads b'libsa niexfa, għads fil-kurrent, għads fl-għerien, għads bin-nitru, għad s*trimix*, *rebreathers*).

(3) Għaddasa li għadhom mhumiex ċertifikati bħala għaddasa indipendenti għandhom jiġu kkunsidrati bħala għaddasa fit-taħriġ u għandhom ikunu akkumpanjati fl-ilma l-ħin kollu minn għalliem ta' l-għads reġistrat.

(4) Dawk li jipprovdu s-servizz ta' l-għads rikreattiv jistgħu jdaħħlu kapijiet ta' l-għads biex igħinuhom fil-kontroll tal-klijenti u biex itejjbu s-sigurta imma mhux biex jeżaminaw jew jgħallmu xi manuvri jew tagħlim ieħor lill-klijenti.

(5) Individwu li hu ta' l-anqas ikkwalifikat bħala kap ta' l-għads għandu jipprovdi s-servizzi kuntrattati fil-kuntest ta' għads iggwidat u għads organizzat.

Jekk għadsa għandha bżonn manuvri li huma aktar mill-kwalifiki tal-kap ta' l-għads, l-individwu li qed imexxi l-għadsa għandu jkun irċieva taħriġ speċjalizzat jew esperjenza ekwivalenti.

Kwalifiki ta' impjegati.

4. (1) Il-kwalifiki mitluba għal DIRETTUR TA' L-GĦADS għandu jkun ta' l-inqas għalliem PADI, għalliem CMAS 2 STILEL jew għalliem avvanzat ta' BSAC jew xi ħaġa oħra ekwivalenti li tista'tiġi rikonoxxuta mill-Awtorita minn żmien għal żmien.

(2) Il-kwalifiki mitluba għal GĦALLIEM TA' L-GĦADS għandhom ikunu mill-inqas għalliem PADI *Open Water*, għalliem CMAS STILLA 1 jew għalliem BSAC *Open Water* jew xi ħaġa oħra ekwivalenti li tista' tiġi rikonoxxuta mill-Awtorita minn żmien għal żmien.

(3) Il-kwalifiki mitluba għal KAP TA' L-GĦADS għandhom ikunu mill-anqas PADI *Dive Master,* għaddas CMAS 3 STILEL, kap ta'l-għads BSAC jew xi ħaġa oħra ekwivalenti li tista' tiġi rikonoxxutamill-Awtorita minn żmien għal żmien.

(4) Il-kwalifiki mitluba għal GĦADDAS INDIPENDENTI għandhom ikunu mill-anqas għaddas avvanzat PADI, għaddas CMAS 2 STILEL, għaddas ta' l-isport BSAC jew xi ħaġa oħra ekwivalenti li tista' tiġi rikonoxxuta mill-Awtorita minn żmien għal żmien.

Għads organizzat.

5. (1) Grupp jista' jinkludi għalliema *scuba* jew kapijiet ta' l-għads li jistgħu jieħdu ftit mid-dmirijiet jew kollha biex jipprovdu superviżjoni tajba tal-membri tal-grupp skond dawn ir-regolamenti. Tali arranġament, bejn dak li jipprovdi s-servizz ta' l-għads rikreattiv u l-kap tal-grupp, għandu jkun miftiehem miż-żewġ naħat qabel xi attivita taħt l-ilma.

(2) Biex tkun intitolat tgawdi s-servizz ta' għadsa organizzata, kull klijent għandu jkun għaddas indipendenti jew, jekk mhux, għandu jkun akkumpanjat minn għalliem ta' l-għads reġistrat. Iċ-ċertifikazzjoni u l-indiċi personali tal-klijent għandhom ikunu iċċekkjati qabel l-għadsa u d-dettalji mpoġġija fir-*records*.

(3) Individwu minn ta' l-anqas bi kwalifiki ta' kap ta' l-għads għandu jkun preżenti fil-post ta' l-għads u fil-kontroll ta' l-attivitajiet ta' l-għads.

(4) Għads organizzat fejn ikun hemm bżonn kwalifiki speċjallizzati, eż. għads bil-lejl, għads mal-blat etċ., jista' jsir biss jekk kull klijent individwu għandu l-kwalifiki apposta (ċertifikazzjoni speċjali) jew esperjenza mniżżla ekwivalenti.

Għads iggwidat.

6. (1) Sabiex ikun jista' jgawdi s-servizz ta' għadsa iggwidata, kull klijent għandu jkun għaddas indipendenti jew, jekk mhux, għandu jkun akkumpanjat minn għalliem ta' l-għads reġistrat. Iċ-ċertifikazzjoni u l-indiċi personali ta' l-għads tal-klijent għandhom ikunu verifikati qabel l-għads u d-dettalji imniżżla fir-*record*.

(2) Għads iggwidat fejn ikun hemm bżonn kwalifiki speċjali, eż. għads bil-lejl, għads mal-blat etċ., jista' jsir biss jekk kull klijent individwu għandu l-kwalifiki apposta jew esperjenza ekwivalenti.

(3) Għads iggwidat li għandu bżonn kwalifiki speċjali jew esperjenza ekwivalenti, fejn il-klijent ma jistax jipprovdi prova ta' tali kwalifiki jew esperjenza, għandu jiġi kkunsidrat bħala għads ta' taħriġ u għandu japplika r-regolament 4 ta' din l-Iskeda.

Postijiet.

7. Dak li jipprovdi s-servizz ta' l-għads rikreattiv għandu jiżgura li l-persuna responsabbli mill-għads ikun jaf u jifhem il-karetteristiċi u l-perikli tal-lokalita intenzjonata għall-għads. Il-persuna responsabbli għandha tagħmel kull sforz raġonevoli biex jiżgura li l-post fejn ikun qed isir it-taħriġ jew l-għads huwa tajjeb għall-klijenti u għal dik l-attivita.

***Standards* tat-tagħmir ta' l-għads.**

8. (1) It-tagħmir kollu ta' l-għads użat għas-servizzi għandhom ikunu ta' stil użat fil-preżent fl-industrija sportiva ta' l-għads u għandu jkun konformi ma *standards* lokali u Ewropej.

(2) It-tagħmir kollu ta' l-għads għandu jkun sigur għall-użu fiż-żmien li joħroġ u għandu jkun miżmum tajjeb skond il-bżonnijiet legali u/jew l-ispeċifikazzjonijiet ta' min ikun ħadmu.

(3) Min jipprovdi s-servizz ta' l-għads rikreattiv għandu jistabbilixxi skeda ta' servizz bil-miktub kif suppost li tkun tidentifika ċ-ċilindri individwali kollha, *demand regulators*, sorsi ta' gass għan-nifs alternattiv, sistema ta' support ta' ċilindri u l-apparat li jikkontrolla biex tibqa' fil-wiċċ.

Kiri ta' tagħmir ta' l-għads.

9. (1) Is-servizz jinkludi l-kiri ta' oġġetti ta' tagħmir ta' l-għads lil klijenti li jistgħu jużaw tali tagħmir kemm għall-attivitajiet ta' l-għads sorveljat u mhux sorveljat.

(2) Min jipprovdi s-servizz ta' l-għads rikreattiv għandu jiżgura li l-impjegati jifhmu l-karatteristiċi u l-funzjoni tat-tagħmir mikri. Il-haddiema għandhom ikunu kompetenti biex javżaw lill-klijenti dwar u kif iridu jużaw it-tagħmir ta' l-għads f'attivitajiet speċifiċi ta' l-għads.

(3) Għandhom ikunu offruti lill-klijent kull għajnuna u parir fl-għażla tat-tagħmir ta' l-għads tajjeb skond l-attivita ta' l-għads u l-kwalifika u l-bżonnijiet tal-klijent (eż. il-qagħda ta' l-apparat li jikkontrolla biex tibqa' fil-wiċċ u l-ilbies).

(4) It-tagħmir ta' l-għads provdut lill-klijent għandu jkun soġġett għal spezzjoni minn min jipprovdi s-servizz ta' l-għads rikreattiv u l-klijent qabel ma' jingħata sabiex jiġi aċċertat illi dan ikun qed jiffunzjona sew għallkollox.

(5) Ċilindri ta' l-għads u *scuba demand valves* jistgħu jiġu mikrija biss lill-għaddasa indipendenti li għandhom jintrabtu li ma jħallux li dawn jiġu użati minn għaddasa oħra li jkollhom livell ta' ċertifikazzjoni anqas.